MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 21/2006

**Edmund Barbara u Steve Barbara**

**vs**

**Charles Azzopardi**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-10 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' tlett mija u hdax il-lira u tnejn u hamsin centezmi(Lm311.52) rapprezentanti zewg skadenzi ta' kera ta' pjanu dovuti ghall-perjodi mill-24 ta' Frar 2005 sat-23 ta' Awissu 2005 u mill-24 ta' Awissu 2005 sat-23 ta' Frar 2006 bl-ispejjez u bl-interessi.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12

tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fit-30 ta’ Awissu 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u hadx il-lira  u tnejn u hamsin centezmi (Lm311.52) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------